**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 84/07**
It-Tlieta 24 ta' Lulju 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

84.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

84.5 Rapporti;

84.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 69/07;

84.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;

84.8 Mozzjonijiet;

84.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 84.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. — Ittri ta' Apoloġija

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti — Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti Nru. 83/2018 tat-Tlieta 12 ta' Ġunju 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, konna wasalna. Żied jispjega li skond l-aħħar statement ta' VELLA GROUP l-ammont dovut lilu huwa ta' madwar €128k filwaqt li l-Kunsill kien qed jgħid li l-ammont dovut kien ta' madwar €93k. Is-Sindku qal li kien spjegalu li kien hemm ammont ta' €34k li dawn kienu xogħol mal-WSC u għaldaqstant hu kien irid jitlob ir-rifużjoni lilhom. Qal li fl-aħħar wasalna u s-Sur Jimmy Vella għall-VELLA GROUP kien aċċetta. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Il-Kunsill iddiskuta l-każ u unanimament qabel li jitħallas l-ammont ta' €93,720.02 lill-VELLA GROUP u b'hekk jingħalaq il-kont pendenti fuq il-kuntratt *TLC 006/12/PPP RESURFACING OF ROADS – (PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP SYSTEM)*

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba l-Kuntrattur DIMBROS kien ħallas il-multi u l-problema minħabba r-rimi ta' skart tal-bini kienet ukoll ġiet solvuta għaldaqstant konna mexjin bil-permessi għal Triq il-Fieres. — Perit Mintoff

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. — Turf tal-ground 5 aside

iv. Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kull darba li jiltaqa' mal-Ministru kien qed jerġa jfakkru fuqhom. — Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-6:15pm*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna qed naffaċċjaw żieda fir-rimi ta' skart mormi barra mhux fil-ħinijiet u ġranet stabbiliti kif ukoll ġo u mad-dawra tal-iskips tal-Bring In Sites. Żied jgħid li kien għadu qed jipprova jagħmel arranġamenti mal-Cleansing Dept pero kien għad ma sar xejn. Ġie deċiż li nikkuntatjaw lill-kuntrattur tal-iskips tal-Bring In Sites il- GREENMT biex jibdel l-skips attwali ma' dawk forma ta' qanpiena. — Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.

vi. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. — ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

vi.i. Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni

mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq tal-bus shelters ġie ffirmata MOU mal-AKL. Sadanittant fir-rigward tal-bus shelter ta' Triq Palma konna ser napplikaw għalih mill-ġdid biex isir mill-kumpanija FACES. Filwaqt li dak li għandna mħallas issuġġerixxa li niċċekajw x'permessi hemm bżonn u nitolbu sabiex jinbidel dak ta' fejn il-knisja parrokkjali. . — Bus Shelter Triq Palma

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. — Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-binja fi Triq San Mikiel li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, jidher li mill-uffiċċju elettorali kienu nbgħatu ittri lir-residenti tal-blokka fejn kienu qed jinfurmawhom li kienu ser jerġgħu jiġu rilokati mal-Fgura peress li l-bieb ta' barra kien jagħmel mal-Fgura. — Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**x.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, konna għadna għaddejjin bil-proċess hekk kif titlob is-sistema tal-EPPS. — Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari' riedet issir rikjesta lill-FACES. Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku. — Bus Shelter – Triq Tarxien

**xii.** is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Bulky Refuse. — Skart Domestiku

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq facebook. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u ddifferixxa għat-2 ta' Ottubru 2018. — Kawża l-Qorti

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. — Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għaċ-ċelebrazzjoni għal Jum Ħal Tarxien ta' nhar il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018 bi żvista l-għaqdiet ma ntbgħatitilhomx stedina. Pero żied jispjega li sadanittant biex jirrimedja għal dan in-nuqqas intbgħatet ittra ta' spjegazzjoni lill-għaqdiet kollha. — JĦT2018

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jibda xogħol ta' *resurfacing* fi triq il-Fieres. Qal ukoll li kien applika wkoll għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. — *Resurfacing – Triq il-Fieres*

**xvi.i** Żied jispjega li sadanittant kienu nqalgħu argumenti sħaħ fuq dawn il-fondi tal-UIF għaliex peress li l-Gvern wiegħed li ser jagħmel it-toroq kollha, allura il-Bord tal-UIF qabad u ddeċieda internament li l-fondi tal-UIF destinati għall- — UIF

Kunsilli Lokali ma setawx jibqgħu jintużaw għal resurfacing ta' toroq.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Onor. Konrad Mizzi Ministru għat-Turizmu wara laqgħa li hu personali kellu miegħu kien offra li jagħmlilna ameljorament ta' pjazza ġewwa Ħal Tarxien u hu għaldaqstant issuġġerilu li ssir Misraħ Brittania. Żied jgħid is-Sindku li ma' din il-Pjazza ser jinkorpora wkoll is-shelter li hemm wara l-Knisja. U qal ukoll li jekk il-Kunsill jaqbel ma dan is-suġġeriment, fil-futur qarib għandhom jerġgħu jiltaqgħu u saħansitra anke jmorru fuq il-post. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

**xvii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel u aċċetta mal-proposta tal-Onor. Konrad Mizzi Ministru għat-Turizmu, sabiex jagħmlilna ameljorament ta' pjazza ġewwa Ħal Tarxien u li din tkun il-pjazza ta' wara l-Knisja dik ta' Misraħ Brittania.

**xvii.ii.** Qal ukoll is-Sindku li f'din l-istess laqgħa huwa kien kellem lill-Ministru dwar l-Info Kiosk ta' fejn it-Tempji Neolitiċi u dwar l-Gazebo ta' Ġnien Veliko. Info Kiosk ta' fejn it-Tempji Neolitiċi u u dwar l-Gazebo ta' Ġnien Veliko

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott kien inbena l-ħajt. Is-Sindku qal li issa għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li titkompla l-bankina fejn m'hemmx. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li jekk issir il-bankina wieħed kellu jieħu in konsiderazzjoni li kien hemm parti li tiġi *blind corner* u għaldaqstant tkun ta' perikulu. Ħajt madwar il-plot fi Triq il-Knisja ma' Triq Wenzu Despott

**xviii.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan għaliex għal min kien qed jgħaddi bil-mixi hekk kif inhi mingħajr bankina kienet ferm perikoluża. Sadanittant ġie deċiż unanimament li ssir bankina u nibgħatu lit-TM għal permess ukoll jikkonsidraw jekk setax jibqa' l-parking li kien isir.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li playing fields ta' ĠNIEN JOANNE, Santa Marija kif ukoll Misrah Buleben kien hemm bżonn li jsirilhom xatbiet protettivi sabiex it-tfal ma jkunux jistgħu jibqgħu ħerġin. Xatbiet protettivi

**xix.i** Saret diskussjoni dwar dan u bi qbil unanimu ġie deċiż li l-ewwel isiru ż-żewġ ġonna ż-żgħar imbagħad 'il quddiem wieħed jara għal Ġnien Joanne.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm ċerta ġonna li dawn ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex dawn isiru u b'hekk il-Kunsill Lokali ikun in order. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

**xx.i.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra ta' ringrazzjament mingħand l-Għaqda tan-Nar San Gabriel għall-għajnuna u koperazzjoni li sabu għal waqt il-jiem tal-Festa M.Annunzjata. *Ittra Ringrazzjament - Għaqda San Gabrijel*

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali li l-Onor. Owen Bonnici Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kien approva l-propost ġemellaġġ bejn il-lokalita' ta' Ħal Tarxien u l-Comune di LULA fl-Italja. propost ġemellaġġ bejn il-lokalita' ta' Ħal Tarxien u l-Comune di LULA fl-Italja

**xxii.i** Saret diskussjoni dwar dan u unanimament ġie deċiż li nibgħatu ninfurmaw lill-Comune di LULA fl-Italja dwar dan.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand resident li għandu garaxx fl-indirizz 209, Triq is-Sorijiet fejn dan kien qed jitlob sabiex faċċata tal-bieb ta' dan l-istess garaxx jitneħħa il-parking space li hemm peress li dan ir-resident qed jgħid li għandu Vann TRANSIT li fih 22ft filwaqt li l-wesa' tat-triq iġġib 21.4ft. Proposta sabex jitneħħa il-parking space faċċata ta' garaxx fl-indirizz 209, Triq is-Sorijiet

**xxiii.i** Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimament ma qabilx li dan il-parking space jitneħħa anke minħabba l-fatt li din it-triq hija diġa one way u wisq aktar il-parking mhuwiex man-naħa ta' dan l-imsemmi garaxx.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu xi talbiet għall-applikazzjoni dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY - 72 Triq Sta Marija – Din ma ġietx milqugħa mit-TM;
- RESERVED PARKING BAY - 198 Triq Sorijiet - Din ma ġietx milqugħa mit-TM;
- RESERVED PARKING BAY - App 2, Royal Chest Court Triq Ġuzeppi Montebello – Din ma ġietx milqugħa mit-TM;
- 1.5m KEEP CLEAR BAY - 56 Triq Sta Marija – Din it-Talba għadha għall-evalwazzjoni tat-TM
- 1.5m KEEP CLEAR BAY – 38, Ave Maria Triq B'bugia – Din it-Talba għadha għall-evalwazzjoni tat-TM

**xxiv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ma sabx oġġezzjoni li din l-istess talba tiġi milqugħa.

### 84.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**i.** Il-Kunsillier Ismael Dalli rraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal fejn qal li kienet daħlet rikjesta għal dawn il-bike racks fi Triq San Anard. rikjesta għall-bike racks fi Triq San Anard.

**i.i** Il-Kunsill iddiskuta din r-rikjesta u qabel li jsiru xi bike racks f'dik l-akkwata.

### 84.5 Rapporti

**i.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għall perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2018 - Q1. Minn dan ir-rapport jidher ċar li l-Kunsill Lokali għandu qagħda finanzjarja soda u b'saħħitha ħafna.

**i.i.** Il-Kunsill uananimament approva dan ir-rapport hekk kif ippreżentat u spjegat lilhom. Dan ir-Rapport Q1 ġie ffirmat mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Antonella Galea.

### 84.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.67/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**84.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li f'Lulju saret il-ħarġa għal Għawdex bħalma ssir kull sena.

**84.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**84.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fit-8.00PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| *(IFFIRMATA)* | *(IFFIRMATA)* |
| ________________________ | ________________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |